

**DEĊIJONI (UE) 2016/1597 TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**tat-28 ta' April 2016**

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Imprīža Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2014**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Imprīža Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali tal-Imprīža Konġunta ARTEMIS għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sas-26 ta' Ġunju 2014, flimkien mar-risposta tal-Imprīža Konġunta <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni <sup>(2)</sup> dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovdu ta' mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2014, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Imprīža Konġunta fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 (05587/2016 — C8-0055/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħi,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar it-twaqqif tal-Imprīža Konġunta ARTEMIS għall-implementazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Komputer <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Imprīža Konġunta ECSEL <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 12 tiegħi,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0092/2016),

<sup>(1)</sup> ĠU C 422, 17.12.2015, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU C 422, 17.12.2015, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52.

<sup>(5)</sup> ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152.

<sup>(6)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(7)</sup> ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2014;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Martin SCHULZ

*Is-Segretarju Ĝenerali*  
Klaus WELLE

---